# IL-PROGRAMM

# TAL-METALINGWA U TAL-LETTERATURA

# LIVELL 7 - IT-TMIEN SENA

# KOMPETENZI EWLENIN (CCP)

| Il-Morfoloġija - IT-TMIEN SENA (CCP) | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Livell 4** | **Livell 5**<br>**(7 CCP)** | | **Livell 5**<br>**(8 CCP)** |
| **Il-Konsonanti** | | | | |
| **Il-Konsonanti xemxin u qamrin** | Naf li l-konsonanti jitqassmu f'xemxin (ċ,d,n,r,s,t,x,ż,z) u qamrin (b,f,ġ,g,għ,h,ħ,j,k,l,m,p,q,v,w). | Naf liema minnhom jieħu l-artiklu l- u min jassimilah. Eż. l-arloġġ, id-dar. | | |
| **Il-konsonanti qawwija u rotob (l-assimilazzjonI)** | Naf li hemm xi konsonanti (bħal b, d, v,ż,g u l-bqija) li meta ngħidhom jew naqrahom fl-aħħar tal-kelma, jinstemgħu mod ieħor bħal kelb li tinstema' /kelp/; lewż, ċerv. | Naf li hemm xi konsonanti (bħal b, d, v,ż,g u l-bqija) li meta ngħidhom jew naqrahom fl-aħħar tal-kelma, jinstemgħu mod ieħor bħal kelb li tinstema' /kelp/; lewż, ċerv. | | Naf liema konsonanti li tixxiebah fil-ħoss fl-aħħar tal-kelma għandi nikteb billi nżid il-vokali a fuq wara bħal ħabib/a; spag/a; lewż/a. |
| | Naf li meta niġi biex naqra kliem li jispiċċa bl-għ/h jew meta dan ikunu ħdejn xulxin, dawn jinqraw bil-ħoss ta' ħ bħal tagħhom, magħha, qlugħ, fih. | Naf li meta niġi biex naqra kliem li jispiċċa bl-għ/h jew meta dan ikunu ħdejn xulxin, dawn jinqraw bil-ħoss ta' ħ bħal tagħhom, magħha, qlugħ, fih. | | |
| **Il-vokali** | Naf liema huma l-vokali fil-Malti u naf niktibhom. | | | Naf u noqgħod attent biex fil-kitba ma niktibx il-vokali tal-leħen mal-artiklu fejn ma neħtiġhiex. Eż. Nikteb: Xtrajna l-ktieb u mhux Xtrajna il-ktieb. |

| | Livell 4 | Livell 5 (7 CCP) | | Livell 5 (8 CCP) |
|---|---|---|---|---|
| | Naf li l-vokali ie titqies bħala ittra waħda minkejja li tinkiteb minn żewġ ittri | | | |
| **L-artiklu** | Naf nikteb l-artiklu quddiem kliem li nuża kuljum. Eż. Il-bieb aħdar. / Id-dar il-kbira. | Naf li l-artiklu huwa "l-" u joqgħod quddiem kliem li jibda b'vokali, għ u h. Eż. l-arblu, l-għasfur, l-hena. | | Naf li l-artiklu l- jassimila quddiem kliem li jibda bil-konsonati xemxin bħal iċ-ċirasa, id-dar. |
| | | Naf li xi drabi l-artiklu l-ikollu bżonn il-vokali tal-leħen "i" bħal quddiem kliem li jibda bil-konsonanti qamrin. Eż. Xtrajt il-ħobż. / Anna marret il-Belt. / Tlift iċ-ċavetta tad-dar. | | Naf li meta għandi nuża l-artiklu waħdu mingħajr vokali tal-leħen. Eż. Xtrajna l-ħobż. / It-tfal marru l-Belt. / Tlifna ċ-ċavetta tad-dar. |
| **Il-Partiċelli** | | | | |
| **Il-prepożizzjonijiet** | | Naf nikteb prepożizzjoni waħidhom quddiem nomi f'sentenzi sempliċi bħal Mark daħal ġo karozza. | | Naf nikteb kliem qasir (prepożizzjonijiet mal-artiklu) bħal bi/bil-, fi/fil-, sa/sal-, ġo/ġol-; ma'/mal-/ ta'/tal- f' sentenzi sempliċi bħal: Mark mar sal-baħar; Jien norqod fis-sodda; Rajt funtana sabiħa ġo ġnien; Wassalni sad-dar. |
| **Il-konġunzjonijiet** | Naf ngħaqqad kliem flimkien billi nuża l-konġunzjoni u. Eż. Jiena u Mark. | | | Naf ngħaqqad żewġ sentenzi sempliċi fuq l-istess tema bil-konġunżjonijiet u, għax, imma, meta. Eż. Jessica sabet kelb mitluq u ħaditu d-dar magħha. It-tifel ma marx l-iskola għax kien ma jiflaħx. |

| | Livell 4 | Livell 5 (7 CCP) | | Livell 5 (8 CCP) |
|---|---|---|---|---|
| **L-interjezzjonijiet** | | Naf nuża kliem ta' stagħġib, ferħ, biża' jew sentimenti oħra fis-sentenzi tiegħi bħal ajma, uff, prosit, u l-bqija. | | |
| **Il-Verb** | | | | |
| **Għarfien tal-Verb fis-sentenza** | Naf nagħraf il-kelma li turi azzjoni f'sentenza sempliċi bħal John jaqra l-ktieb. | Naf nagħraf u nikteb verbi f' għadd ta' sentenzi bħal John jaqra l-ktieb u Mandy tisma' r-radju. | | |
| **L-imperattiv** | Nifhem il-kmand fit-taħdit fl-interazzjoni ta' kuljum fil-klassi | Nagħraf il-forma tal-Imperattiv sempliċi fis-singular u l-plural fit-taħdit bħal: Ġib il-pitazz miegħek għada. | | Nikteb l-imperattiv ta' verbi trilitteri sempliċi fis-singular u l-plural, bħal itlaq - itilqu, mur - morru, oħroġ - oħorġu, dur - duru. |
| **Il-perfett** | | Naf nuża verbi sempliċi (barra dawk li fihom l-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit ta' sentenzi sempliċi bħal John ħareġ, il-kelb ħarab. | | Naf nuża verbi sempliċi (barra dawk li fihom l-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi sempliċi bħal John ħareġ, il-kelb ħarab. |
| **l-imperfett** | | Naf nuża verbi sempliċi (barra dawk li fihom l-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit ta' sentenzi sempliċi bħal John jorqod, il-qattus jiekol. | | Naf nuża verbi sempliċi (barra dawk li fihom l-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi sempliċi bħal John jorqod, il-qattus jiekol. |

| | Livell 4 | Livell 5 (7 CCP) | | Livell 5 (8 CCP) |
|---|---|---|---|---|
| **In-negattiv tal-verb** | | Naf nikteb in-negattiv ta' verbi sempliċi fl-imperattiv bħal tiġrix, timxix, tifraħx. | | |
| **Il-mamma u l-għerq** | | | | Naf nidentifika li l-kliem hu magħmul minn konsonanti u vokali u li hemm għadd ta' kliem li għandu l-konsonanti l-istess bħal ktieb, kitba, kotba; telaq, telqa, tluq, tellieqa, tlielaq; nilgħab, logħob, logħba. |
| **In-nom** | | | | |
| **It-tipi ta' nomi** | Naf nagħraf x'inhu i.e l-ismijiet ta' oġġetti fil-klassi bħal bieb, tieqa, pitazzi, kotba. | | | Naf nagħraf u nagħżel nomi komuni u proprji bħal tifel, Paul, Julienne, tfajla. |
| **L-għadd** | | | | Naf nuża nomi komuni fis-singular u plural bħal tifel - tfal; dar - djar; kelb -klieb; bir - bjar; |
| **Il-ġens** | | Naf kif naqleb nomi mill-maskil għall-femminil billi nżid jew nibdel l-aħħar vokali f' a fl-aħħar bħal kelb-kelba, qattus-qattusa, tabib-tabiba, xiħ-xiħa, nannu-nanna, ziju-zija. | | |

| | Livell 4 | Livell 5 (7 CCP) | | Livell 5 (8 CCP) |
|---|---|---|---|---|
| **Il-possessiv** | | Naf nuri l-possessiv billi ninqeda bil-prepożizzjoni ta' waħidha bħal Dan il-ktieb ta' John; Il-kelb ta' Anna. | | Naf nuri l-possessiv billi ninqeda bil-prepożizzjoni ta' waħidha jew mal-artiklu bħal Dan il-ktieb ta' John, Il-kelb tal-mara ħarab. |
| **Il-pronomi** | Naf nuża u nifhem il-pronomi magħżulin f'kuntesti tat-taħdit, qari u smigħ. | Naf inħaddem il-pronomi dimostrattivi bħal dan, din, dawn/dak, dik, dawk. | | Naf u nifhem il-pronomi mehmużin f'kuntest ta' taħdit, qari u smigħ. |
| **L-aġġettivi** | Naf nuża l-aġġettivi, fosthom il-kuluri u kwalitajiet, fit-taħdit, qari u smigħ tiegħi ta' kuljum. | Naf nikteb l-aġġettivi pożittivi (sempliċi) fil-maskil u l-femminil bħal dar kbira, bieb kbir. | | Naf nikteb l-aġġettivi pożittivi (sempliċi) fis-singular u fil-plural bħal tieqa kbira - twieqi kbar, mara twila/raġel twil - nisa/rġiel twal. |
| | | Naf nikteb l-oppost ta' aġġettivi bħal twil - qasir, sabiħ - ikrah, u l-bqija. | | |

| **Is-Sintassi - IR-RABA' SENA** | | | |
|---|---|---|---|
| | **Livell 4** | **Livell 5**<br>**(7 CCP)** | **Livell 5**<br>**(8 CCP)** |
| **L-istruttura tas-sentenza** | | Naf nikteb sentenza sempliċi li jkun fiha s-suġġett, il-verb u l-aġġettiv bħal John jimxi ħafna. | Naf nikteb sentenzi sempliċi li jkun fihom is-suġġett, il-verb u l-aġġettiv b'iktar dettall bħal John jimxi ħafna kuljum. |
| **Il-qbil bejn l-elementi ewlenin tas-sentenza** | | Naf li meta nikteb sentenza l-verb għandu jaqbel mas-suġġett f'dak li hu ġens u għadd. | Naf li meta nikteb sentenza, il-verb għandu jaqbel mas-suġġett f'dak li hu ġens u għadd. |

| Il-Punteġġjatura - IR-RABA' SEBA | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Livell 4** | **Livell 5**<br>**(7 CCP)** | | **Livell 5**<br>**(8 CCP)** |
| **L-ittri kapitali** | Naf li kull sentenza għandi nibdieha b'ittra kbira. Eż. Dan tifel bravu. | | | Naf li s-sentenza fid-diskors dirett tibda b'ittra kbira. Eż. Arnold qal: "Għada se nsiefru." |
| | Naf li l-ismijiet tal-ħbieb tiegħi u ta' dawk li jieħdu ħsiebi, tal-pets u l-ġugarelli tiegħi, tal-pajjiż u r-raħal fejn ngħix jibdew b'ittra kbira bħal Kylie, Fifi, Miċu, Malta, il-Mellieħa, Rokku r-Robot. | Naf li l-ismijiet propji tan-nies, tal-annimali, tal-postijiet u tal-oġġetti jibdew b'ittra kbira bħal Mandy, Kiko, l-Imdina, Thermos. | | Naf li d-direzzjonijiet u l-ismijiet tal-irjieħ niktibhom b'ittri kbar. Eż. it-Tramuntana, il-Lvant, in-Nofsinhar |
| | | Naf kif nikteb l-ittri ie/ħ/h/għ/ meta jkunu kapitali bħala Ie,Ħ,H, Għ. Eż. Ieqaf hemm, Ħareġ jiġri, Hemm fuq; Għalqa sabiħa. | | |
| | | Naf li l-istaġuni nibdiehom b'ittra żgħira. Eż. il-ħarifa, ix-xitwa, ir-rebbiegħa, is-sajf | | |
| | | Naf li x-xhur u l-ġranet tal-ġimgħa nibdiehom b'ittra kbira. Eż. Ottubru, Novembru, it-Tnejn, il-Ħadd. | | |

| | Livell 4 | Livell 5 (7 CCP) | | Livell 5 (8 CCP) |
|---|---|---|---|---|
| **L-appostrofu** | | | | Naf kif nikteb grafikament l-appostrofu fuq xi kliem Malti bħal ta', ma', sema', laqa'. |
| **Naf meta għandi nuża s-sing qasir (-)** | Naf li s-sing huwa parti mill-artiklu u li għandi nużah kull meta nikteb kelma bl-artiklu. Eż. il-bieb, id-dar. | | | |
| **Naf meta għandi nuża l-punt.** | Naf li sentenza għandi nagħlaqha bil-punt. Eż. Din warda ħamra | Naf li sentenza għandi nagħlaqha bil-punt. Eż. Din warda ħamra. | | |
| **Naf meta għandi nuża l-virgola.** | | | | Naf li l-virgola nużaha meta nagħti lista ta' kliem wara xulxin. Eż. Mariella xtrat żewġ lapsijiet, gomma, pitazz u fajl tal-plastik. |
| **Naf meta għandi nuża s-sinjal tal-mistoqsija.** | | Naf li meta s-sentenza jkollha x-xejra u t-ton ta' mistoqsija, nagħlaqha bis-sinjal tal-mistoqsija. Eż. X'se nieklu llum? | | |
| **Naf meta għandi nuża s-sinjal esklamattiv.** | | | | Naf li meta s-sentenza jkollha x-xejra u t-ton ta' stagħġib nagħlaqha bis-sinjal esklamattiv. Eż. Xi ġmiel ta' ġurnata! |

| L-Ortografija - IT-TMIEN SENA (CCP) | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Livell 4** | **Livell 5**<br>**(7 CCP)** | | **Livell 5**<br>**(8 CCP)** |
| **Naf nikteb in-numri** | Naf nikteb: żero, wieħed/waħda, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta, sebgħa, tmienja, disgħa, għaxra. | Naf nikteb in-numri ordinali (waħidhom u ma' kliem ħafif) minn wieħed sa mija. Eż.<br>L-ewwel, It-tifel ġie t-tieni;<br>Il-ħames bank. | | Naf nikteb in-numri ordinali minn 11 sa 19 (waħidhom u f'sentenzi sempliċi). Eż. ħdax-il, tnax-il, tlettax-il, erbatax-il, ħmistax-il, sittax-il, sbatax-il, tmintax-il, dsatax-il. Eż. Mur fl-erbatax-il ringiela. |
| | | Naf nikteb: għoxrin, tletin, erbgħin, ħamsin, sittin, sebgħin, tmenin, disgħin, mija.<br>Eż. Fil-klassi hemm għoxrin tifel u tifla. | | Naf nikteb in-numri kardinali minn żero sa mija. Eż. Il-pitazz ta' Karl għandu ħamsa u sittin paġna u l-pitazz ta' Alice għandu sebgħa u tmenin. |
| | | | | Naf naqra n-numri sħaħ tal-arloġġ u nikteb il-ħin. Eż. Saru l-ħamsa. / Bħalissa d-disgħa ta' filgħaxija. |
| **L-alfabett (kitba tal-kliem)** | Naf nikteb l-ittri kollha (żgħar u kbar) tal-alfabett u nagħżel bejn il-konsonanti (b, ċ, d, f, ġ, g, għ, h, ħ, j, k, l, m, n, p, q, r, s, t, v, w, x, ż, z) u l-vokali (a, e, i, o, u, ie). | Naf nikteb waħdi u b'aktar kunfidenza l-ittri kollha (żgħar u kbar) tal-alfabett u nagħżel bejn il-konsonanti (b, ċ, d, f, ġ, g, għ, h, ħ, j, k, l, m, n, p, q, r, s, t, v, w, x, ż, z) u l-vokali (a, e, i, o, u, ie). | | |

| | Livell 4 | Livell 5 (7 CCP) | | Livell 5 (8 CCP) |
|---|---|---|---|---|
| **L-alfabett (kitba tal-kliem)** | Naf nikteb kliem skont forom differenti bħal /vk/ vkv/ vkkv/ kv/kvkv/kvk/kvkkv/kvkvk/kvkkvk/ Eż. id/ara/Alla/ra/pupa/ħut/kaxxa/daħ al/kisser/ | | | |
| | Naf nikteb kliem b'għoqod konsonantali bħal kvkk/kkvk/kkvkv/kkvkk u l-bqija. Eż. ħabb/trab/bravu/trakk/ | | | |
| | Naf nikteb kliem fis-singular li għandu l-għ/h/ie. Eż. għasfur, għalqa, hemm, hija, huwa, huma, hawn, ried, wied, missier, ħalliel, tuffieħa. | | | |
| **Il-konsonanti (doppji fin-nofs, fl-aħħar, id-dgħajfin)** | Naf nikteb kliem komuni li fih konsonanti l-istess doppji fin-nofs bħal ballun, sellum, marru, ċatta, | Naf nikteb kliem komuni li fih konsonanti l-istess doppji fin-nofs bħal ballun, sellum, marru, ċatta, | | |
| | Naf nikteb kliem komuni li fih żewġ konsonanti differenti fin-nofs bħal borma, kamra, tarġa... | Naf nikteb kliem komuni li fih żewġ konsonanti differenti fin-nofs bħal borma, kamra, tarġa... | | |

| | Livell 4 | Livell 5 (7 CCP) | | Livell 5 (8 CCP) |
|---|---|---|---|---|
| **Mudelli tal-għ/h** | Nagħraf l-kliem komuni bl-għ, fil-bidu ta' xi nomi, bħal għasfur, għalqa, għax, u għanqud. | Naf nikteb kliem komuni bl-għ, fil-bidu ta' xi nomi, bħal għasfur, għalqa, għax, u għanqud. | | |
| | Naf naqra kliem li fihom l-għ fil-bidu u fin-nofs, bħal għax, għandi, logħba, xogħol, ragħad. | Naf nikteb kliem li fihom l-għ fil-bidu u fin-nofs, bħal għax, għandi, logħba, xogħol, ragħad. | | |
| | Naf naqra l-kliem li fihom l-h fin-nofs, bħal deher, fehem, deheb, xahar. | Naf nikteb l-kliem li fihom l-h fin-nofs, bħal deher, fehem, deheb, xahar. | | |
| **Il-vokali ie** | Naf nikteb kliem komuni b'sillaba waħda li fih il-ie bħal bieb, sieq, ħbieb, wied, ried, għax narahom miktuba u esposti viżwalment u megħjuna bl-istampi madwari fil-klassi, u fl-iskola. | Naf nikteb kliem ta' żewġ sillabi li fih il-ie fl-aħħar sillaba, bħal missier, widien, bibien, u l-bqija. | | Naf nikteb kliem komuni b'żewġ sillabi bl-ie, nomi u verbi weħidhom u f'sentenza sempliċi bħal missier, ġirien, widien. |
| **Il-konġunzjoni u** | | | | Naf li nista' nikteb u norbot il-kliem / il-frażijiet /is-sentenzi flimkien billi nuża l-konġunzjoni **u** bħal John u Julian, Jien mort id-dar u kilt l-ikel. |

# IT-TQASSIM TAL-LETTERATURA

It-8 Sena CCP

**LETTERATURA GĦAT-TFAL**

Għażla minn:

- taqbiliet, għanjiet ħfief u popolari minn kitbiet ta’ Patri Anastasju Cuschieri, Mary Meilaq, Mary Puli u l-bqija;
- poeżiji umoristiċi u ċajtiera ħfief minn kitbiet ta’ Mary Puli, Mary Meilaq, Anton Buttigieg, u oħrajn;
- ħrejjef u leġġendi popolari Maltin u dawk barranin bħal dawk ta’ Bro. Henry, Ġan Anton Vassallo, Patri Ġużè Delia, Guido Lanfranco u oħrajn.
- Għażla ta’ kotba bil-Malti, mil-listi approvati, li jinkludu kotba tal-misteri, l-avventuri għat-tfal, stejjer mistħajla, u l-bqija, biex l-istudenti, filwaqt li jieħdu gost jaqraw, ikomplu jiżviluppaw u jwessgħu l-għarfien tagħhom tal-ilsien Malti u jibdew jitħarrġu fl-apprezzament letterarju skont kif stabbilit fil-kisbiet tat-tagħlim għal dawn il-livelli.

# TMIEM